IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru14 (erbatax) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it- 28 ta' Lulju, 2025, fl-4.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**14.1. Item Nru 14.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

14.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.45pm u kulħadd kien preżenti.

Is-Sindku qal li ser ngħaddu għal item 14.9.

**14.9 Item Nur. 14.9 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet – Studju dwar il-kapacita ta' tolleranza ta' l-izvilupp**

14.9. Is-Sur Michael Mifsud qal li hu ha jressaq emenda għal mozzjoni li ġiet ippreżentata fil-laqgħa preċedenti. Din l-emenda ġiet issekondata wkoll mis-Sinjura Doris Borg.

Is-Sur Mifsud qara l-emenda u eżatt wara ttieħed vot b'approvazzjoni unanima. Għalhekk din il-mozzjoni ġiet approvata bl-emendi.

## 14.2 Item Nru. 14.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

14.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u kien hemm korrezzjoni.

Minuta 13.4.12 tiżdied il-frażi. "Xi nies irrapurtaw li raw bowser jarmi ibattal ilma/likwidu quddiem gnien ix-xatt"

Wara din il-korrezzjoni il-minuti ġew approvati.

## 14.3 Item Nru. 14.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-Sindku qal li l-attivita saret minkejja u kienet suċċess minkejja li fl-istess ġurnata kien hawn attivitajiet u festi oħra fl-akkwati.

Kellna rispons tajjeb anke minn nies. Is-Sindku qal li l-ispejjeż tal-pulizija ser ikollna nħallsuhom mil-Kunill għaliex il-fondi li kellhom ir-reġjun għal spejjeż ta' pulizija intilfu.

Is-Sur Ray Duncan qal li l-attivita kienet tajba però hemm punt li ried jirrimarka li ma kienx hemm aċċess biżżejjed għal persuni b'diżabilta.

Is-Sindku qara xi spejjeż li saru fl-attivita sabiex ikunu jistgħu jitħallsu qabel il-laqgħa li jmiss u kulħadd qabel.

14.3.2 Is-Sindku qal li dwar is-sitwazzjoni tal-grawnd tal-futbol bqajna l-istess u bla risposta. Is-Sindku qal li fil-laqgħa preċedenti kelna qbil li nibghatu email lil Lands u nikkupjaw lil Ministri konċernati sabiex niltaqgħu magħhom qabel isir l-iffirmar tal-ftehim bejn l-MFA u l-Lands. Is-Sur Attard fakkar ukoll li konna tajna żmien stipulat ta' ġimgħa sabiex jirrisponduna u jekk ma jirrispondux ikollna nagħmlu mandat ta' inibizzjoni. Wara li intbgħatet l-email ħadd ma rrisponda. Saret petizzjoni mir-residenti tax-Xgħajra b'madwar 500 firma u intbgħatet lil Prim Ministru nhar il-Ġimgħa.

Is-Sindku qal li għandu informazzjoni li nħatar kumitat bil-moħbi u ltaqgħu l-belt f'residenza privata biex sar l-Annual General Meeting. Dan huwa ksur ta' regolament għaliex ma jkunux jistgħu jattendu resident mix-Xgħajra. Bħala Kunsill għandna kitbu lill-MFA u navzawhom b'dan il-ksur ta' regoli. Il-Klabb huwa tan-nies u mhux ta' uħud.

Is-Sindku qal li għandna naġixxu fl-immedjat għaliex jekk jiġi ffirmat il-Kuntratt din l-art ser tgħaddi lil President u jsir minnha li jrid hu.

Is-Sindku ta l-kelma lis-Sur Raymond Camilleri, contract manager kif ukoll parti min-nursery tax-Xgħajra b'espejenza vasta. Is-Sur Camilleri spjega s-sitwazzjoni u qal li diga hemm proġett lest preżentat b'valur ta' 3.2M.

Is-Sur Michael Mifsud ma jaqbilx li nagħmlu il-mandat ta' inibizzjoni u nitolbu għal laqgħa. Is-Sindku qallu li il-laqgħa diga intalbet u ġejna injurati sfaċċatament.

Wara diskussjoni sar qbil li nistennew ħmistax -il ġurnata ċans sabiex naraw nirċivux mil-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Is-Sur Michael Mifsud talab jiskuża ruħu u ħareġ mil-laqgħa minħabba impenji oħra fis-5.50.

14.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema ta' Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom ta' kwalità u qal li tajjeb li napplikaw għal din is-sena u ppreżenta l-applikazzjoni.

14.3.4 Is-Sindku qal li ktibna lil ta Barkat u proponew laqgħa nhar il-11 t' Awwissu fl-10am. Kulħadd qabel.

14.3.5 Is-Sur Attard tkellem dwar il-kuntratt tal-Concession u qal li l-Kunsill bgħat l-invoice li The Pit sabiex titħallas l-ewwel kera. Dawn bagħtulna lura sabiex intuhom aktar ċans minħabba li għadhom ma sabux saqajhom. Il-Kunsill qabel li la hemm kuntratt tajjeb wieħed jonoraħ u hemm xi kundizzjonijiet li rridu ninfurzawhom. Għalhekk sar qbil li niltaqgħa mat-tmexxija u nitkellmu dawn il-punti għaliex għadna lanqas biss ġejna mistiedna għal ftuħ.

**14.4 Item Nru 14.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

14.4.1 Is-Sa. Doris Borg qalet li llezzjonijiet tal-privat ser jieqfu għax-xahar t'Awwissu minħabba s-sħana.

14.4.2 Is-Sa. Doris Borg qalet li avviċinawa ta' Skola sajf sabiex jaraw nistgħu nikkollaboraw magħhom f'xi attivitajiet li qed jagħmlu. Il-Kunsill qabel li l-aħjar jibgħatu email/ittra bil-miktub ħalli nkunu nistgħu niddiskutuha.

14.4.3 Is-Sa Borg staqsiet jekk hux possibbli niċċekkjaw il-bankina ta' Triq Leonard Mahoney u naraw nistgħux insewwu xi ħsarat li fiha. Is-Sindku qal li ser niċċekkjawa fil-granet li ġejjin.

14.4.4 Is-Sa. Doris Borg qalet li l-yukka nqatgħet tajba però l-iskart xorta qed jintrema madwara. Imiss ukoll li nduru ċ-ċint u l-monument.

14.4.5 Is-Sa Borġ qalet li tajjeb nibgħatu l-lands sabiex jieħdu ħsieb il-gate tal-Batterija delle Grazie għaliex ser jaqa' fuq xi ħadd. Is-Sindku qal li ilu iktar minn 4 snin jikteb fuqu u qed jiġi njurat.

14.4.6 Is-Sur Duncan qal li għandu ilment li kien diġà tkellem dwaru fil-laqgħat preċedenti li huwa fuq il-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq Orlando Żabbar. Dan issa ċediet parti minnu u b'xorti tajba ma ġie fuq ħadd jew vetturi. Is-Sindku qallu li dak mhux responsabiltà tal-Kunsill għaliex huwa privat. Li nistgħu fl-immedjat inneħħu l-ġebel li hemm fuq il-bankina.

14.4.7 Is-Sur Duncan qal li kellu ilment minn min ikun qed jgħum biex nagħmlu tabelli għal għawwiema sabiex ikun avżati li jista jkun hemm periklu fil-baħar meta jkun dieħel il-catamaran. Is-Sindku qallu li ordna xi tabelli diġà.

14.4.8 Is-Sur Duncan qal li hemm ic-charging point ta' Dawret ix-Xatt qalulu li mhux taħdem. Is-Sindku qal li ser inkellmu l-TM naraw hux responsabiltà tagħhom.

14.4.9 Is-Sur Duncan qal li missna nitolbu kumpens fuq il-kontijiet bħal ma jkollhom ta' Wied il-għajn minħabba l-impjant. Is-Sindku qal li ilna nitolbu u tiġi rifjutata. Issa hemm tmexxija differenti fl-operat u nerġgħu inkellmuhom.

14.4.10 Is-Sur Duncan qal li hemm ilment li fi Triq Frans Minuti hemm plot vojt u li qed jintrema ħafna skart illegali ġo fih.

14.4.11 Is-Sur Duncan qal li s-sotto bank tax-xatt jidher li qed jinzebaħ tajjeb.

14.4.12 Is-Sa. Buttigieg qalet li fi Triq il-Mulett hemm persuna li qed jaqla' l-bollard biex jipparkjaw.

14.4.14 Is-Sa.Buttigieg staqsiet fuq il-bankijiet ta' fejn l-istage meta ser isiru. Is-Sindku qallha li ser isir fil-ġimgħat li ġejjin.

**14.5 Item Nru. 14.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

14.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**14.6 Item Nru. 14.6 fuq l-Aġenda – Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart;**

14.6.1 Is-Segretarju qal li r-rapport ser jiġi ppreżentat għal laqgħa li jmiss għaliex l-Accountant jinsab ma jiflaħx.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR141410 – Malta
Tel: 2161432614
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

**14.7 Item Nru. 14.7 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

14.6.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor.

**14.8 Item Nru. 14.8 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

14.8.1 Pagamenti b'numru 13 ġew approvati unanimament.

**14.10 Item Nru. 10. fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

14.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 ta' Awwissu fl-5pm.

________________________ ________________________

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku